**15 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Balzan

*versus*

Onorevoli Prim Ministru u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru responsabbli għall-Artijiet

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – *Privacy* – Proprjetà – Trattament inuman – Degradanti – Konvenju – Bejgħ – Esproprjazzjoni**

*Rikors li bih ġie allegat li l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għall-"privacy", u tgawdija ta' proprjetà privata, kif ukoll billi esponewh għal trattament inuman u degradanti, u dan bi ksur tal-artikoli 36, 37, 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol għall-istess Konvenzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-fatti li taw lok għal dina l-kawża kienu s-segwenti: ir-rikorrent kien daħal f'konvenju mal-Kurja Arċiveskovili għax-xiri ta' proprjetà li kien bi ħsiebu jibniha f'appartamenti. Qabel ma l-att ta' xiri ġie finalizzat il-Gvern esproprja dina l-art mill-poter tal-Kurja billi kienet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi. Għalhekk l-akkwist tal-*

*art mir-rikorrent ma setax isir.*

*Il-Qorti osservat li l-konvenju għax-xiri ta' art ma kienx jekwivali għall-bejgħ tal-istess art, u r-riskji u vantaġġi kollha inerenti fil-proprjetà jibqgħu, sal-mument tal-bejgħ, favur il-venditur. Il-konvenju ma joħloqx dritt 'in rem', imma biss dritt personali kontra l-prospettiv venditur għall-esekuzzjoni tal-obbligi minnu assunti w għad-danni jekk ikun il-każ. L-esproprjazzjoni effetwata mill-Gvern bil-ħruġ ta' 'acquisition order' ma tirrendix impossibli li l-vendita tal-art mill-Kurja ssir.*

*Għalhekk il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-''acquistion'' in kwistjoni, kemm għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), setgħet tirrigwarda biss lill-proprjetarju li f'dan il-każ kien għadha il-Kurja Arċiveskovili w, jekk hemm, xi ħadd ieħor li għandu interess fil-proprjetà 'in rem', iżda mhux lill-appellant. L-ilment tal-appellant li l-Gvern imissu jinnegozja direttament miegħu, għalhekk huwa infondat bħal ma huwa infondat l-ilment l-ieħor li l-Gvern abusivament daħallu fi ħwejġu u spossessah. La darba r-rikorrent ma kienx proprjetarju tal-art in kwistjoni ma setax jippretendi li nkisru fil-konfront tiegħu l-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni. Bl-istess mod ma setax jingħad li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja; dan l-artikolu jitkellem dwar 'his possessions', u la darba ma kienx hemm il-vendita r-rikorrent ma setax jippretendi li l-art in kwistjoni kienet 'his possession'. L-istess raġunament japplika wkoll għar-riferenza għall-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti osservat li ma kienx hemm ċirkostanzi li setgħu jesponu lir-rikorrent għal trattament inuman jew degradanti. Ir-rikorrent la kien verament qiegħed jokkupa l-art espropjata, li ma kienetx għada minnu akkwistata, u l-anqas kien f'posizzjoni immedjata li jiżviluppa.*

Il-Qorti: – rat ir-rikors ta' Alfred Balzan preżentat fit-23 ta' Novembru 1989 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih wara li ppremetta:

Illi f'Ġunju 1989 dehret tender fil-gazzetti lokali fejn l-art fil-Pietà ġiet offruta għall-bejgħ mingħand il-Monasteru ta' Santa Katerina.

Illi l-esponenti pparteċipa għal dan it-tender u billi offra l-ogħla prezz rebaħ it-tender huwa.

Illi b'konvenju datat l-4 ta' Awissu 1989 ir-rikorrenti intrabat li jixtri u jakkwista mingħand il-monasteru ta' Santa Katerina biċċa art fil-Pietà ġa okkupata mill-fondi 134, 135, 136 Marina Street, Pietà u dan versu l-prezz ta' Lm14,000 w in effetti huwa diġà ħallas depositu ta' Lm1,400.

Illi huwa akkwista din l-art bi ħsieb li jagħmel xi xogħol strutturali fid-djar li ġa kien hemm u jżid magħhom biex jakkomoda ż-żewġ bniet tiegħu Odette u Barbara li stante li waħda minnhom hija miżżewġha barrani u l-oħra għarusa barrani dawna ma kinux intitolati għal post tal-gvern.

Illi fit-23 ta' Ottubru 1989, inħarġet 'acquisition order' numru 610 fejn il-gvern qabad u ħa l-proprjetà fuq imsemmija.

Illi mingħajr avviż ta' xejn il-Gvern qabad u beda b'xogħol ta' demolizzjoni tad-djar in kwistjoni.

Illi l-esponenti jilmenta illi minħabba fil-premess ġew leżi lilu d-drittijiet tiegħu fundamentali kif kontemplati ai fini tal-artikolu 3 tal-ewwel skeda tal-Att XIV tal-1987 dwar il-

Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema artikoli jipproteġu l-individwu minn trattament inuman jew degredanti. Skond il-Qorti Ewropeja ġie stabbilit li trattament inuman huwa wieħed li jikkreja sentiment ta' biżà, eċitament kbir u ta'nferjorità li jaffetwa l-psikoloġija tal-individwi kif fil-fatt jinsab fiha l-esponenti. Illi l-esponent iħoss ukoll li l-aġir tal-intimat illeda wkoll id-dritt tal-esponenti kif kontemplat fl-artikolu 8 tal-ewwel skeda tal-konvenzjoni Ewropeja stante li sar indħil ġol privazija tal-affarijiet tiegħu. In effetti l-imsemmi plot kien intiż li jiġi attrezzat fi djar għall-membri tal-familja tiegħu. L-esponenti jilmenta wkoll li ġie leż lilu l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tipproteġi lill-individwi mid-dħul ta' oħrajn fil-post tiegħu. Ir-rikorrent f'dan is-sens jirrileva li tali dħul ma sarx ai fini tas-subartikolu (2) tal-preċitat artikolu, iżda intiż biss biex tittieħed il-proprjetà mingħandu u tingħata lill-oħrajn.

Illi r-rikorrent jilmenta wkoll li ġew leżi d-drittijiet tiegħu kontemplati fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel skeda tal-Att XIV tal-1987 li jipproteġu d-drittijiet ta' proprjetà fis-sens illi ħadd ma jista' jiġi imċaħħad mill-proprjetà tiegħu ħlief *'for a public purpose'* u li jingħata kumpens xieraq, u jħoss ukoll li bi ksur tas-subartikolu (1) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex ser ikollu *'a chance to access'* lill-Qorti biex jiġi deċiż l-interess tiegħu jew dritt fuq il-proprjetà.

Għal dawn il-motivi, ir-rikorrent talab bir-rispett li dika l-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-'acquisition order' numru 610 tat-23 ta' Ottubru 1989 u l-għemil tal-intimati jiksru d-drittijiet

fundamentali mħarsa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem w appuntu l-artikoli 36, 37, 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3, 1 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u

2. Tagħti dawk il-provvedimenti, ordnijiet u toħroġ dawk l-atti li tqies xierqa u opportuni biex jiġu mħarsin id-disposizzjonijiet tal-liġi preċitati.

3. Tordna lill-intimati jieqfu mix-xogħol ta' demolizzjoni tal-post fuq imsemmi u tikkanċella u tirrevoka l-acquistion order numru 610 tal-1989.

Rat ir-risposta tal-intimati fejn huma esponew illi:

Preliminarjament, dina l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha peress li hemm disponibbli favur ir-rikorrent mezzi xierqa ta' rimedju kif kontemplat bil-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 (Ara fost oħrajn Dr. Borg Grech nomine vs Spettur J. Suda, P.A. 21/3/1980); biżżejjed, hawnhekk, wieħed jirriferixxi għall-possibilità tat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Art.

Ukoll preliminarjament, l-preżenza tal-esponent Onorevoli Prim Ministru mhix indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju fil-proċeduri odjerni, u għaldaqstant l-istess esponent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-istess ġudizzju. Forsi kienet tkun iktar indispensabbli li l-preżenza tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-proċeduri odjerni bħala l-leġittimu kontradittur veru u rejali li jista' u għandu jirrispondi għall-allegati vjolazzjonijiet u fl-istess waqt tkun qed tingħatalu wkoll id-dritt u l-possibilità li

jgħid il-versjoni tiegħu kif jirrikjedu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent ma għandu ebda titolu rikonoxxut fil-liġi għall-art in kwistjoni, stante li, "*ex admissis*", kull ma għamel huwa sempliċement li ffirma konvenju, u għaldaqstant, il-proprjetà tal-istess art għadha u hija legalment vestita fil-Kummissarju tal-Artijiet, ossia fil-President ta' Malta kif kontemplat "*ad hoc*" bl-artikolu 33 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġaladarba kull interess rejali fl-art in kwistjoni huwa vestit fil-Kummissarju tal-Artijiet, dana ma kienx tenut, skond il-liġi, li jagħti xi avviż minn qabel lil xi ħadd (għajr lis-sid tal-art f'ċirkostanzi normali) biex jibda xogħol ta' demolizzjoni, liema xogħol għandu dritt jagħmel skond il-liġi dwar l-akkwist ta' art għal skopijiet pubbliċi (Kap. 88); ara artikoli 8 u 9 tal-imsemmi Kapitolu 88, fejn jirriżulta li **l-uniku** obbligu fuq il-Kummissarju tal-Artijiet huwa li jottjeni l-kunsens tal-**okkupant** sebat ijiem qabel ma l-Kummissarju jidħol **f'bini.**

M'hemm ebda bażi legali favur ir-rikorrent biex jinvoka l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda għall-Att XIV tal-1987, stante li, apparti l-premessi taż-żewġ paragrafi preċedenti, l-art in kwistjoni hija meħtieġa għal skop pubbliku u senjatament għall-kostruzzjoni ta' oqsma ta' djar u sejjer jitħallas kumpens xieraq u adegwat lil min jispetta skond il-liġi, talvolta jkun dovut xi kumpens fl-ewwel lok.

Bħala bażi legali biex ikunu jistgħu jiġu nvokati l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Ewwel Skeda għall-Att XIV tal-1987, ir-rikorrent ried almenu jkollu l-pussess legali u materjali tal-art in kwistjoni, liema tipi ta' pussess l-istess rikorrent m'għandux.

Fl-aħħarnett, ir-rikorrent ma ġie assoġġettat għal ebda trattament inuman jew degredanti, għax l-"*animus quo*" li bih saret l-akkwist tal-art in kwistjoni mill-Kummissarju tal-Art, ma kenitx illeċita jew magħmula mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' rilevanza soċjali. Illi minħabba l-iffirmar tal-konvenju mir-rikorrent, u l-posizzjoni attwali għar-rigwar tal-art '*de quo*', jista' jkun li r-rikorrent sejjer isoffri inkonvenjent, imma l-allegazzjoni ta' biża', tensjoni kbira jew inferjorità, apparti li huma nfondati fil-fatt, huma wkoll infondati fid-dritt għax tali allegazzjonijiet huma inverosimili "*in pari materia*".

Għaldaqstant, l-istess intimati talbu li r-rikors odjern għandu jiġi miċħud bħala nfondat fil-fatt u fid-dritt, u anke peress li huwa frivolu u vessatorju, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Settembru, 1990 li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti Balzan bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan wara li kkonsidrat dan kollu li ġej:

"Illi l-fatti tal-każ huma li fl-4 ta' Awissu 1989 ir-rikorrent iffirma konvenju mar-rappreżentant tal-Amministratur tal-Beni Ekklesjastiċi f'Malta u f'isem u fl-interess tal-Monasteru Santa Caterina li permezz tiegħu il-partijiet obbligaw ruħhom li r-rikorrent jakkwista mingħand il-parti l-oħra biċċa art il-Pietà ġà okkupata mill-fondi li jġibu n-numri 134, 135 u 136 Marina Street, u dan bil-prezz ta' Lm14,000 u taħt il-kundizzjonijiet hemm stipulati (dok. A fol. 9 u 10);"

"Illi f'Awwissu stess huwa għamel applikazzjoni quddiem il-Planning Area Permits Board biex ikun jista' jibni fuq l-area in kwistjoni, għal-liema applikazzjoni għadu ma rċeviex risposta;"

"Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Ottubru 1989 deher l-Avviż numru 610 għall-Akkwist ta' Art bid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta relattiv għall-istess art (dok. Z fol. 25);"

"Illi fil-11 ta' Ottubru l-Housing Division tal-Works Department ressaq applikazzjoni quddiem il-P.A.P.B. biex ikun jista' jibni djar fuq area li jidher li kienet l-istess (jew almenu fuq parti minnha) li r-rikorrent kien iffirma il-konvenju dwarha (dok. A fol. 37); din l-applikazzjoni ġiet approvata fl-1 ta' Frar 1990;"

"Illi skond ix-xhieda tar-rikorrent mhix kontradetta, f'Novembru l-Gvern kien ġà beda x-xogħol bil-bulldożer u fid-19 ta' Diċembru "il-Gvern kien diġà beda jagħmel ix-xogħol u kien diġà wasal fl-ewwel sular";

"Illi nonostante tentattivi tar-rikorrent mad-Dipartiment tal-Art u mal-venditur biex jirrisolvu din il-kwistjoni ma ntlaħaq ebda ftehim u s-sitwazzjoni baqgħet l-istess;"

"Illi d-Dipartiment tal-Art għamel stima peritali li minnha jidher li l-valur minnu aċċettat huwa ta' Lm50,160 (dok. VR), waqt li r-rikorrent fix-xhieda tiegħu jikkontendi li l-art "jiena ngħid li kont nistmaha madwar Lm70,000"; in segwitu huwa esebixxa wkoll stima tal-perit tiegħu li tatha l-valur ta' Lm75,000 (dok. X fol. 41); skond il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 1990 il-Gvern huwa lest li jħallas is-somma ta' Lm50,160 għall-akkwist tal-istess art;"

"Illi r-rikorrent li għandu erbat itfal, kellu l-intenzjoni li jibni ħwienet fil-pjan terren u erba' *flats* fuqhom għal uliedu; tnejn minnhom huma waħda għarusa u l-oħra miżżewġa u ma

setgħux jieħdu post mingħand il-Gvern għax l-irġiel tagħhom huma stranġieri; huwa ħadha ħażin ħafna li minħabba l-aġir tal-Gvern dawn iż-żewġ uliedu jistgħu jmorru jgħixu barra minn Malta;''

''Illi bħala konsegwenza ta' dak li ġara r-rikorrent jikkontendi li ġew vjolati d-drittijiet fundamenti tiegħu salvagwardati (a) bl-artikolu 3, ta' l-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 u bl-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni li jikkontemplaw trattament inuman u degradanti (b) bl-artikolu 8 tal-istess Skeda (rispett għall-ħajja privata tiegħu) u bl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni (dħul ta' oħrajn fil-post tiegħu), u (c) bl-artikolu tal-Protocol mal-Konvenzjoni Ewropeja (li jipproteġi il-''possedimenti'' privati ħlief meta jittieħdu ''fl-interess pubbliku'') u bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jipproteġi l-istess dritt tal-proprjetà ħlief jekk tittieħed fl-interess pubbliku u f'din l-eventwalità jrid jingħata kumpens xieraq, kif ukoll bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni in kwantu dan jeżiġi disposizzjoni ta' liġi li ''tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens, dritt ta' aċċess lill-Qorti'' indipendenti u mparzjali;''

''Illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-inimati tissottometti li l-Qorti ma għandhiex teżerċita s-setgħa lilha mogħtija bl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji oħra li kellu biex iħares id-drittijiet tiegħu; il-proviso ta' dan is-subartikolu jipprovdi li ''l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teserċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra''. Waħda mir-raġunijiet li għalihom il-Kostituzzjoni tagħti lill-Qorti din il-fakoltà hija biex tevita li l-Qorti konċernata tiġi inondata b'ħafna kawżi li

jkunu jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra. Jekk tagħmilx użu jew le minn din il-fakoltà huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti – il-kliem operativ huwa: "jekk tqis li jkun desiderabbli *li hekk tagħmel*"; *kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u fil-każ* tar-rikors odjern, għalkemm huwa veru li r-rikorrent seta' talab li l-intimati jieqfu mix-xogħol fuq l-art permezz ta' mandat ta' inibizzjoni, imma hemm involuti bosta punti li ma kinux ser jiġi risolti bi proċedura simili;"

"Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti ma hix ser tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha biex tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern skond l-istess artikolu 46 tal-Kostituzzjoni."

"Illi l-intimati eċċepew ukoll li l-Onor. Prim Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li mhux indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju;"

"Illi dan il-punt tqajjem f'diversi kawżi dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu; ġiet ripetutament ritenut li f'każi simili huwa azzjonabbli l-Istat, u huwa proprju *l-Prim Ministru li: "jirrappreżenta lil Gvern ta' Malta fil-*kollettività tiegħu". Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent issottometta li ġaladarba huwa ma hux intitolat għal kumpens skond il-"liġi lokali" dan jilledi d-dritt tiegħu skond l-artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja; dan jindika li l-Onorevoli Prim Ministru huwa azzjonabbli fil-każ odjern (ara Brincat vs Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 1990);"

"Illi l-ewwel ilment tar-rikorrent huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li huwa ġie soġġettat għal trattament inuman u degradanti. *Dan il-punt irid jiġi kkunsidrat mhux biss*

oġġettivament imma wkoll soġġettivament; l-awtoritajiet konċernati permezz tal-Acquisition Order 610 tat-23 ta' Ottubru 1989 li tagħha r-rikorrent qed jitlob il-kanċellament u revoka, ħadu l-pussess ta' biċċa art li dwarha r-rikorrent kien għadu biss intrabat b'konvenju – ma kenitx xi biċċa art li huwa kien qiegħed fiha jew li b'xi mod kellu l-pussess materjali tagħha. Fi kliemu stess din l-art ma setax jiżviluppaha peress li kienet soġġetta għal lokazzjoni favur terzi: "f'wieħed mill-postijiet li jiffurmaw parti mill-proprjetà li jiena ser nakkwista kien hemm inkwilin li kien wieħed xiħ u kien rikoverat tax-xjuħ. Jiena fil-fatt ma qbadtx inwaqqa' peress li kien hemm din il-persuna b'titolu ta' lokazzjoni u qaluli biex nistennieh jiġi nieqes"; dak li għamlu l-intimati ma poġġiex lir-rikorrent f'posizzjoni għar min dik attwali, però naqqsulu il-possibilità li jimmeljora din il-posizzjoni għalih u għal uliedu. Interpretazzjoni aċċettata mill-Qrati tagħna (Testa vs Attard et Q.K. 15/11/89) għal trattament degradanti u inuman hija li dan "jeħtieġ **ċertu grad ta' gravita**"; fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti ma tirravvisax dawn l-estremi;"

"Illi dwar dan il-punt jista' wkoll jingħad li jekk il-Gvern jipproċedi bl-azzjoni tiegħu huwa offra lil proprjetarju s-somma ta' Lm50,160; dan ifisser li jekk ir-rikorrent, irrespettivament mill-azzjoni odjerna jakkwista l-art *de quo*, huwa jkun għamel profitt nett ta' Lm34,160 fuq art li jkun akkwista b'Lm14,000. Għalhekk il-Qorti ma tħossx li l-inkonvenjent li r-rikorrent qed jallega li sofra jista' jwassal għall-gravità rikjesta."

"Illi r-rikorrent issottometta wkoll li fl-applikazzjoni tal-Housing għand il-P.A.P.B. hemm dikjarazzjoni falsa għaliex il-Gvern meta għamilha ma kienx il-proprjetarju tal-art; dik id-dikjarazzjoni hija fiha nnifisha kontradittorja, għaliex fl-istess

paragrafu jingħad li "mhix proprjetà tal-Gvern" immedjatament wara jżid "iżda proprjetà tiegħi" – meta "tiegħi" tfisser li hi tal-Gvern; ma tantx tista' tingħata importanza għal dawn id-dettalji, tant li anki r-rikorrent biex għamel applikazzjoni simili ddikjara *li l-art hi tiegħu meta dan legalment mhux veru.*"

"Illi r-rikorrent jallega wkoll ksur tal-artikolu 8 tal-Ewwel Skeda mal-Att XIV tal-1987 li jgħid li "kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu"; huwa rabat dan l-artikolu ma' dak li jipprovdi l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni ċjoè li ħlief bil-kunsens tiegħu ħadd ma għandu jiġi assoġġettat "għad-dħul min oħrajn fil-post tiegħu." Il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li r-rikorrent jinsab marbut b'konvenju fuq l-art jew proprjetà in kwistjoni, li parti minnha hija adirittura soġġetta għad-dritt ta' lokazzjoni favur terzi, jista' jikklassifika din l-art bħala daru"; l-anqas tista' tiġi kkonsidrata bħala l-"post tiegħu" (l-artikolu definittiv jindika post partikolari u ma jistax jiġi interpretat li jolqot kull post li jappartjeni lill-individwu) ħlief għal dak rigward id-dritt tal-kumpens salvagwardat b'disposizzjonijiet oħra;"

"*Għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm vjolazzjoni tad-*drittijiet imħarsa mill-artikolu 8 tal-imsemmija l-Ewwel Skeda u mill-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni;"

"Il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-lanjanza tar-rikorrent li qed jiġu vjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu mħarsa bl-artikolu 1 tal-Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-ewwel irid jiġi indagat jekk l-art ġietx meħuda fl-interess pubbliku. Meta r-rikorrent mar fid-"dipartiment konċernat ... Iltqajt mal-perit Anton Camilleri u dana qalli li l-Gvern kien esproprja l-art u kien ser jużaha bħala Housing

Estate"; illi mill-applikazzjoni tal-Housing Division tal-Works Department u mill-permess relattiv, jidher li għandhom jinbnew ħames blocks għall-abitazzjoni;"

"Illi l-Qrati tagħna taw interpretazzjoni pjuttost wiesa tal-kliem "interess pubbliku" (ara Galea vs Holland) u fuq l-iskorta ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tifhem li l-bini ta' Housing Estate ċertament jaqa' taħt din id-definizzjoni;"

"Illi l-Kostituzzjoni teżiġi wkoll li jekk jittieħed pussess ta' proprjetà b'mod obbligatorju jrid ikun hemm disposizzjoni ta' liġi għal ħlas ta' kumpens xieraq; din il-liġi teżisti fil-fatt, skond ix-xhieda u l-verbali imsemmija, l-intimati huma pronti li jħallsu lil min għandu dritt is-somma ta' Lm50,160 għall-akkwist b'xiri assolut ta' l-art in kwistjoni. Veru li r-rikorrent jippretendi li l-valur ta' l-istess art huwa Lm70,000 skond x-xhieda tiegħu, jew Lm75,000 skond l-istima tal-perit tiegħu; però l-fatt li l-Gvern in forza tad-disposizzjonijiet provduti fil-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta jrid iħallas Lm50,160 biex jakkwista biċċa art li r-rikorrent irid jixtri mingħand il-Monasteru ta' Santa Caterina bis-somma ta' Lm14,000, jindika li fl-aġir tiegħu ma hemmx vjolazzjoni tad-disposizzjoni dwar kumpens xieraq."

"Illi r-rikorrent jikkontendi wkoll li qed jiġi leż id-dritt li "jkollu *'a chance to access'* lil Qorti biex jiġi deċiż l-interess tiegħu jew dritt fuq il-proprjetà' " u dan kif imħares bl-Artikolu 37(1) (b) tal-Kostituzzjoni; ir-rikorrent jaqbel li fil-posizzjoni tiegħu huwa ma għandux dritt għal kumpens skond il-liġi relativa; fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu jissottometti: "Veru li skond il-Kapitolu 88 tal-liġijiet ta' Malta l-esponent ma għandux dritt ta' kumpens u m'hawnx liġi oħra li tikkontempla l-posizzjoni tar-rikorrent"; jikkontendi però li għandu interess

fuq l-art, u per konsegwenza "il-Gvern... messu l-ewwel ħa ħsieb li qabel xejn jippromulga liġi *ad hoc* li tipprovdi għar-rikorrent għall-kumpens xieraq, ħaġa li ma għamilx u għalhekk irid ibagħti l-konsegwenzi";"

"Illi l-interess li r-rikorrent jgħid li għandu fuq l-art *de quo* huwa marbut mal-konvenju minnu firmat mal-proprjetarju fl-4 ta' Awissu 1989; dan "l-istitut tal-Konvenju" huwa regolat mill-Kodiċi Ċivili fl-artikoli 1357 et seq. L-imsemmi artikoli fl-ewwel subartikolu jgħid: "Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabilit min persuna waħda jew iżjed bħal ma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqisx bejgħ; iżda jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant"; dan ifisser li għalkemm ir-rikorrent għamel il-konvenju dwar l-art, din ma ġietx mibjugħa u r-relazzjonijiet li nħolqu jirrigwardaw biss lill-partijiet firmatarji. Sakemm isir l-opportun att pubbliku d-dritt ta' proprjetà għal finijiet u effetti kollha tal-liġi għadu għand l-imsemmi Monasteru (ara sentenza citata Farrugia vs Fenech deċiża P.A. 16/3/90); jekk, nonostante l-konvenju l-proprjetarju jiddisponi mill-art in kwistjoni favur terzi, dan ma jġibx xi nullità imma biss id-dritt għall-azzjoni għad-danni msemmija fl-istess artikolu. L-interess li għandu r-rikorrent jimxi biss tramite l-uniku proprjetarju attwali; hekk kif huwa jakkwista l-art skond it-termini tal-imsemmi konvenju, huwa jidħol fid-drittijiet relativi li sa dak il-mument ikunu jispettaw in toto lill-proprjetarju attwali. Ma hemm ebda distinzjoni bejn id-drittijiet li għandu l-Monasteru llum u dawk li jkollu r-rikorrent malli jsir l-opportun kuntratt tal-akkwist;"

"Illi l-Gvern iddikjara li hu lest li jixtri l-art bis-somma ta' Lm50,160 – illum lest iħallashom lill-Monasteru; jekk fl-intervall ikun hemm proprjetarju ieħor, iħallashom lil dan il-ħaddieħor. Kull dritt li r-rikorrent għandu fuq l-art jibbaża ruħu fuq id-dritt li għandu l-proprjetarju attwali. Id-dritt tar-rikorrent ma huwiex separat mid-dritt tal-proprjetarju – bis-saħħa tal-konvenju huwa għandu d-dritt li jissostitwixxi ruħu għall-proprjetarju preżenti, mhux li jieħu xi ħaġa oltre. Il-liġi relativa ma tipprovdix għal xi ħlas ieħor, bħal ma per eżempju tagħmel fl-artikolu 20, u għalhekk una volta jiġi aċċettat li l-prezz offert huwa ġust, il-Gvern ma għandu ebda obbligu li joffri xi kumpens ieħor u wisq anqas li "jippromulga liġi *ad hoc* li tipprovdi għar-rikorrent għall-kumpens xieraq".

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Alfred Balzan preżentat fid-9 ta' Ottubru, 1990, li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha "tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn caħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati fejn eċċepew li l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex leġittimu kontradittur u ddikjarat li huwa leġittimu kontradittur f'din il-kawża u tikkanċella u tirrevoka l-istess sentenza fil-kumplament tagħha fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent billi minflok tilqa' l-istess talbiet tar-rikorrent in toto bl-ispejjeż kontra l-intimati appellati".

Rat ir-risposta tal-intimati a fol. 109 – 110 preżentata fil-15 ta' Ottubru, 1990 li biha għar-raġunijiet fiha spjegati ssottomettew li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell odjern bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti rilevanti li taw lok għal dan il-każ jinsabu elenkati tajjeb fis-sentenza appellata u għalhekk mhemmx lok li jiġu ripetuti.

Illi l-aggravji tal-appellant huma dawn li ġejjin:

1. Mill-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li huwa għandu dritt iġiegħel lill-Kurja Arċiveskovili biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att ta' vendita skond il-konvenju u b'hekk huwa jkun jista' jidħol fid-drittijiet relativi li dak il-mument ikunu jispettaw "*in toto*" lill-proprjetarju, hu ovvju li dik l-istess Qorti ma fehmitx l-import tal-pretensjoni tiegħu. Infatti, una volta ħarġet l-"acquisition order" fuq l-art in kwistjoni, il-kuntratt mal-kurja ma setax u ma jistax isir u l-Kurja diġà kitbitlu f'dan is-sens.

2. Il-Gvern qiegħed jittratta direttament mal-Kurja u qed jinjora kompletament id-drittijiet tal-appellant naxxenti mill-konvenju li kien sar ferm qabel ma ħarġet l-"acquisition order". Iżda għad li l-Gvern qed jirrifjuta li jitratta miegħu, il-Kurja stess qegħda tirrikonoxxi d-drittijiet tiegħu naxxenti mill-konvenju.

3. B'dan l-aġir tal-Gvern huwa ġie mċaħħad mid-drittijiet tiegħu fuq imsemmija b'mod obbligatorju u dan mingħajr ħlas ta' kumpens xieraq u mingħajr ma hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għas-sitwazzjoni li jinsab fiha r-rikorrenti li tipprovdi għal kumpens xieraq, jew tribunal li quddiemu jista' jaġixxi għall-istess kumpens. Dan imur "kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Att XIV tal-1987".

4. "L-aġir tal-Gvern ta' kif fil-fatt ħa l-proprjetà in kwistjoni (qabad u daħal u waqqa' l-proprjetà li kienet destinata għal ulied ir-rikorrenti li kienu ġejjin minn barra biex jgħixu ġo fiha) u dan mingħajr ebda preavviż jikkostitwixxi wkoll leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif kontemplati fl-artikoli 36(1) u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3 u 8 tal-Att XIV tal-1987".

Is-sottomissjonijiet tal-appellati fir-rigward ta' dawn l-aggravji tal-appell huma s-segwenti:

1. L-ilment tar-rikorrent appellant li minħabba l-"acquistion order" hu ma jistax jixtri mingħand il-Kurja huwa assolutament infondat fil-fatt u fid-dritt anzi huwa proprju l-Kummissarju tal-Art li qed jinsisti illi sabiex ir-rikorrent appellant jieħu l-kumpens li ħaqqu jrid l-ewwel jiġi ppublikat il-kuntratt definittiv bejnu u l-Kurja.

2. Illi konsegwentement, għal fini tal-likwidazzjoni tal-kumpens, ma hemm ebda argument legali validu li l-Ordinanza Dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi jipprevali fuq il-konvenju in kwistjoni.

3. Konsegwentement ukoll, ġaladarba r-rikorrent appellant iqis l-ammont offrut mill-Kummissarju tal-Art bħala kumpens xieraq, ma jistax imbagħad fl-istess waqt jallega li ma hemmx disposizzjoni ta' liġi applikabbli għas-sitwazzjoni li jinsab fiha li tipprovdi għal kumpens xieraq jew tribunal li quddiemu jista' jaġixxi għall-istess kumpens. Del reato, il-verità hija li ebda nuqqas ta' tali disposizzjoni ta' liġi applikabbli għas-sitwazzjoni tar-rikorrent appellant ma tista' tiġi riskontrata.

Ikkunsidrat:

Il-fattur komuni risoluttiv fil-kwistjonijiet kollha involuti f'dan il-każ ma jistax ma jirrisjedix f'dik li verament hi n-natura tal-kuntratt ta' promessa ta' kompra-vendita taħt il-liġi tagħna. Dana għaliex l-istess appellant qed jibbaża l-pretensjonijiet kollha tiegħu fuq id-drittijiet li jippretendi li għandu in forza tal-konvenju li ffirma mal-Kurja Arċiveskovili. Għal din ir-raġuni, għalhekk, l-ewwel ħaġa li din il-Qorti ser tagħmel hija li tistabbilixxi brevement f'hiex tikkonsisti n-natura ġuridika ta' dan l-istitut fir-reġim nostran.

Fl-ewwel lok jiġi ribadit illi konvenju rigwardanti trasferiment ta' mmobbli ma jammontax għal bejgħ kemm jekk jikkonsisti fi promessa unilaterali kif ukoll jekk si tratta ta' promessa bilaterali.

Kwantu għal dik li hi promessa unilaterali l-istess artikolu 1357(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jistabbilixxi li **"il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat.....ma jitqiesx bejgħ"**.

Kwantu għal promessi bilaterali verament jista' jingħad li fid-dottrina estera ma hemmx konformità billi awturi bħal Pacifici-Mazzoni (*Vendita*, I, nn. 26 – 27), Borsari (*Comm.* para. 3456), Ricci (*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile,* n. 45) Giorgi (*Teoria delle Obbligazioni,* 11, n. 148 – 151) u Gasca (*Compravendita*, I, 190) isostnu li konvenju, una volta sinallagmatiku, jissodisfa r-rekwiżiti tal-kuntratt ta' vendita billi jeżisti ftehim fuq l-oġġett u l-prezz u għalhekk jekkwivali għal bejgħ mentri awturi oħra daqstant ieħor awtorevoli bħal Mattirolo (*Diritto Giudiziario Civile,* II, p. 93 – 95), Coviello (*Contratti Preliminari – Enciclopedia Giuridica Italiana,* n. 22), Butera (*Contributo alla Dottrina di Promessa, Legge,* 1909, p.

2216), De Ruggiero (*Istituti di Diritto Civile*, II, p. 285) u Degni (*La Compravendita*, p. 13) isostnu proprju l-kuntrarju. L-istess jista' jingħad għar-rigward tal-awturi Franċiżi allavolja l-Kodiċi Ċivili Franċiż espressament jekwivali l-promessa ta' bejgħ għal bejgħ (unilaterali) fl-artikolu 1589: "***La promesse de vente vaut vente loru'il y à consentement sur la chose e sur le prix***". Hawnhekk jista' jingħad li proprju biex jiġi evitat li taħt is-sistema tagħna l-promessa ta' bejgħ tiġi ekwiparata għal bejgħ, l-istess Sir Adrian Dingli fil-*Commenti e Fonti all'Ordinanza VII del 1868,* b'riferenza għall-artikolu rilevanti, li dak iż-żmien kien l-artikolu 1071, stqarr li ma kienx qed isegwi l-Kodiċi Franċiż iżda kien issellef mill-Pothier li ma ekwiparax il-promessa ta' bejgħ mal-bejgħ. Fil-fatt, però, is-soluzzjoni fil-każ tal-istitut tal-promessa ta' kompravendita taħt is-sistema Malti ma tinstabx fit-teorija iżda fil-fatt illi in forza tal-artikolu 1363(1) tal-Kodiċi Ċivili "**il-bejgħ ta' beni immobbli ma jiswiex jekk ma jsirx b'att pubbliku**". Din id-disposizzjoni, infatti, tiddiriġi l-kwistjoni billi in mankanza ta' att pubbliku ma jistax wieħed jitkellem fuq trasferiment jew bejgħ ta' immobbli.

Stabbilit li promessa bilaterali ta' kompra-vendita ta' immobbli mhix ekwivalenti għal bejgħ tal-istess, isegwi illi tali konvenju ma jipproduċix l-effetti ġuridiċi tal-vendita u għalhekk kemm il-"*periculum*" u il-"*commodum rei*" kif ukoll il-proprjetà jibqgħu mal-venditur prospettiv sakemm isir, jekk isir, il-kuntratt definittiv ta' vendita b'att pubbliku kif trid il-liġi.

Il-konvenju, però, jagħti ċerti drittijiet reċiproċi lill-ko-promittenti fis-sens u fil-limiti stabbiliti mil-liġi u ċjoè joħloq l-obbligu lill-proprjetarju li jbiegħ u lil min kien obbliga ruħu jixtri li jakkwista u l-liġi toħloq ukoll drittijiet fil-konfront ta' min volontarjament ma jersaqx għall-esekuzzjoni tal-kuntratt billi

tipprovdi għad-dritt ta' "specific performance" jew għal danni u imgħaxijiet apparti minn telfien ta' kapparra fejn applikabbli.

Dan kollu, però, ma joħloqx dritt u anqas interess f'sens legali *"in rem"*, fuq il-proprjetà oġġett tal-promessa, iżda "dritt personali" konsistenti fid-drittijiet appena aċċennati fil-paragrafu preċedenti għal dan. Jista' jiżdied ukoll, li forsi l-akbar prova ta' dan kollu tirrisjedi fil-fatt illi jekk il-proprjetarju in flagrante vjolazzjoni tal-obbligi minnu assunti u fil-mori tal-konvenju ma tizju jbiegħ l-istess proprjetà lill-ħaddieħor, tizju m'għandux ir-rimedju tal-azzjoni rivendicatoria u jibqagħlu biss id-dritt li jiġi risarcit għad-danni minnu sofferti.

Huwa proprju f'dan il-kuntest illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent appellant jistgħu u għandhom jiġu kkunsidrati.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jikkontendi li minħabba l-eżistenza tal-"acquisition order" hu ġie impossibilitat milli jixtri u jakkwista l-proprjetà "*de quo*" mingħand il-Kurja Arċiveskovili li minn naħa tagħha però tirrikonoxxilu d-drittijiet tiegħu.

Illi apparti kunsiderazzjonijiet oħra, però, bħall-fatt illi l-bejgħ kien soġġett għall-approvazzjoni tas-Santa Sede, liema approvazzjoni fil-fatt ma jirriżultax li ġiet ottenuta, l-asserzjoni tal-appellant li l-"*acquisition order*" tikkostitwixxi ostakolu, hija asserzjoni totalment intempestiva u prematura għaliex tista' ssir biss wara li u jekk ikun hemm ġudizzju finali li dak li qed jasserixxi huwa fatt u fil-każ in eżami mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Art, Adrian Gouder,

jirriżulta li l-Gvern mhux qed jopponi għal tali bejgħ u dan hu rispekkjat ukoll fir-risposta tal-appell.

L-ewwel konklużjoni li għaliha, għalhekk, tasal din il-Qorti hija fis-sens li la jista' jingħad li l-proprjetà in kwistjoni tappartjeni lill-appellant u anqas jista' jiġi ritenut li għandu xi interess fil-proprjetà "*de quo*" billi l-uniku interess li għandu huwa biss dak ġeneriku u ċjoè li l-Kurja tonora l-ftehim tagħha miegħu jew in mankanza tħallsu d-danni iżda ma għandu ebda dritt jew interess fis-sens legali "*in rem*" u dawn id-drittijiet, billi kif ingħad, huma personali, huma eżerċitabbli biss fil-konfront tal-Kurja Arċiveskovili u ma jistgħu qatt jiġu eżerċitati fil-konfront ta' terzi.

It-tieni konklużjoni li hija pedissekwa hija li l-"*acquistion*" in kwistjoni, kemm għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal-Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), tista' tirrigwarda biss lill-proprjetarju li f'dan il-każ għadha l-Kurja Arċiveskovili u, jekk hemm, xi ħadd ieħor li għandu interess fil-proprjetà fis-sens li ingħad fuq iżda li ma jinkludix lill-appellant. L-ilment tal-appellant li l-Gvern imissu jinnegozja direttament miegħu, għalhekk huwa infondat bħal ma huwa infondat l-ilment l-ieħor li l-Gvern abusivament daħallu fi ħwejġu u spossessah.

It-tielet konklużjoni li neċessarjament trid tasal għaliha din il-Qorti hija li l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jiġi invokat mill-appellant in tutela tad-drittijiet li tagħtih il-liġi u li ma jikkonċidux mad-drittijiet salvagwardati f'dak l-artikolu għax ma ttieħed ebda pussess ta' xi proprjetà tiegħu u ma ġie miksub ebda interess jew dritt tiegħu fuq xi proprjetà.

Jista' jiżdied ukoll illi anki kieku kellu jiġi deċiż illi l-appellant għandu interess fil-proprjetà '*de quo*' fis-sens tal-liġi, xorta waħda l-konklużjoni kienet trid tkun li ma saret ebda vjolazzjoni tal-artikolu 37 fil-konfront tiegħu. L-ewwel għax kif ġa hemm spjegat fis-sentenza appellata ma jistax jingħad, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ li l-kumpens offert m'huwiex xieraq u t-tieni għax il-Kap. 88 (artikolu 2) fid-definizzjoni ta' "**sid**" jinkludi wkoll lil kull min għandu interess fil-proprjetà li tkun ġiet akkwistata mill-Gvern għal skopijiet pubbliċi u għalhekk l-istess drittijiet disponibbli għal proprjetarju, bħal ma hu l-aċċess għall-Land Arbitration Board, huma wkoll a disposizzjoni ta' kull persuna li għandha interess fl-art. Dan qed jingħad, *obiter*, għaliex l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta juża' l-kliem "**interess fi...proprjetà**" u l-artikolu 2 tal-Kap. 88 juża' l-kliem "**interess fl-art**" li għal kull buon fini jfissru l-istess anki jekk l-appellant sostna li waqt li għal fini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' *Malta għandu interess fil-*proprjetà għal fini tal-Kap. 88 ma jistax jitqies li għandu interess li jintitolah għad-drittijiet sanċiti minn dik l-Ordinanza.

Ir-raba' konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija fis-sens li l-pretensjoni tal-appellant in kwantu tirrigwarda l-allegat vjolazzjoni tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija wkoll infondata. Ir-raġuni hija waħda sempliċi. Dak l-artikolu jitkellem "*inter alia*" dwar tfittix fil-proprjetà ta' dak li jkun jew dħul fil-post tiegħu (fit-test ingliż "*his premises*"). Kif ġa ingħad fil-każ *preżenti*, wieħed ma jistax jitkellem la fuq proprjetà tal-appellant u anqas fuq "*premises*" tiegħu.

Il-ħames konklużjoni tirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ċjoè l-allegat trattament inuman u degradanti. Fir-rigward ta' din l-allegazzjoni din il-Qorti hi

tal-fehma li m'għandhiex x'iżżid ma' dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk a skans ta' ripetizzjonijiet inutili tagħmel riferenza għal parti relattiva minn dik is-sentenza u taddottha in toto peress li taqbel perfettament magħha.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant allega wkoll ksur tal-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol għall- istess Konvenzjoni.

Kwantu jirrigwarda l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol jiġi immedjatament osservat illi dan jitkellem fuq "*his possessions*" u kif ingħad diġà fil-każ preżenti wieħed ma jistax jitkellem fuq "*possessions*" tal-appellant għax in mankanza tal-att tal-vendita huwa la għandu pussess u wisq anqas drittijiet rejali fuq il-proprjetà inkwistjoni. Dan l-artikolu hu ħafna aktar limitat fl-applikazzjoni tiegħu għal dawk li huwa salvagwardja tad-drittjiet ta' proprjetà mid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u dak li ingħad fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta japplika b'aktar assolutezza fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-Ewwel Protokol.

Kwantu jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 3 (trattament inuman u degradanti) u l-artikolu 8 (rispett u intimità tad-dar), dak li ingħad aktar 'il fuq dwar l-allegat ksur tal-artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta japplika "*mutatis mutandis*" għal dan l-allegat ksur u għalhekk din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li żżid aktar.

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell ta' Alfred Balzan billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-istess appellant.